MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 48

29 ta' Diċembru 2015

Minuti tas-seduta Nru. 48 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2015 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier D. Vella li kien għadu ndispost. L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti. Is-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.4.1. **(Ref: P/10/19)** tas-seduta ta' qabel u talab li tinqara hekk:

*"4.1.4. Il-Viċi Sindku ppropona li tingħata preferenza lill-istudenti Melleħin li jattendu l-kors tal-agrikoltura fl-MCAST. Issuġġerixxa wkoll li jattendi wkoll is-Sur Alan Buhagiar tal-MEUSAC sabiex ikun jista' jagħti preżentazzjonijiet dwar is-suġġett."*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emenda skont il-minuta 1.1., u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Għoti ta' kuntratt dwar bandli u *safety floor* għall-Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti dwar riżoluzzjoni li tinvolvi l-ħruġ ta' ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Gokker Ltd dwar ix-xogħol imsemmi hawn fuq. Is-Sur C. Debono għarraf li permezz ta' ittra datata 21 ta' Diċembru 2015 l-avukati Thake Desira, f'isem l-offerent J.G.C. Ltd oġġezzjonaw għal din l-evalwazzjoni u għaldaqstant ressqu appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Minn naħa tal-Kunsill ġiet ippreżentata tweġiba biex tirribatti l-allegazzjonijiet li saru minn J.G.C. Ltd, kif ukoll ġie ddepożitat il-file mal-istess Bord fejn ġiet trattata din il-materja. Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp, il-proċess dwar l-għoti tal-kuntratt ġie sospiż, filwaqt li Gokker Ltd ġew mgħarrfa bis-sitwazzjoni.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Andament ta' Milied Mellieħi 2015 (A/5/3/7)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-attivitajiet li seħħu f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fit-22, 23 u 24 ta' Diċembru 2015 marru kif kien mistenni, kemm f'dak li jirrigwarda l-għażla tal-post, kif ukoll bit-talent li nġieb.

2.2.3. Is-Sindku J. Buttigieg qal li l-attrazzjonijiet illi l-aktar għoġbu lill-pubbliku preżenti kienu l-Animae Gospel Choir u il-*band* Virtuosi. Huwa qal li forsi l-attendenza kienet tkun aktar numeruża kieku l-Maritim Hotel Antonin & Spa ma kinitx magħluqa minħabba rinovar li qed isir fiha. Ikkummenta wkoll li jista' ikun li l-bejgħ mill-i*stalls* kien ikun aħjar kieku l-attivitajiet ġew aktar kmieni f'Diċembru. Dan peress li hemm tendenza illi wieħed ma jħallix daqshekk tard biex jixtri r-rigali.

2.2.4. Is-Sur C. Bartolo aċċenna għall-għajnuniet permezz ta' *sponsorships* li kien hemm biex ittellgħet din l-attivita` ingħataw minn: Seabank Hotel; Il-Bottegin; u Pergola Club Hotel. Il-*huts* tal-injam ġew mislufa mill-Malta National Aquarium, filwaqt li l-i*stalls* ngħataw mis-Segretarjat Parlamentari tal-Agrikoltura, Sajd u Dritijiet tal-Annimali.

2.2.5. Għall-edizzjoni 2016, il-Viċi Sindku ppropona li d-dati ta' Milied Mellieħi jkunu d-9, l-10 u 11 ta' Diċembru f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Għaldaqstant l-armar tat-toroq ewlenin bid-dwal għandu jkun lest sal-1 ta' Diċembru 2016.

2.2.6. Il-Kunsill laqa' il-proposta, iżda bl-inklużżjoni tal-Manikata fil-programm ta' attivitajiet li jitfassal.

2.2.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-aspett l-ieħor ta' Milied Mellieħi 2015, li kien jinvolvi l-attivitajiet għall-anzjani kollha tal-lokalita` f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u dik tat-tfal li saret fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja. Hija qalet li l-konkorrenza kienet tajba ħafna, tant li f'tal-anzjani attendew 150 persuna, filwaqt li f'tat-tfal kien hemm 'il fuq minn 200.

2.2.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 24/12/15;
- Skeda ta' Pagamenti – 01/12/15 – 24/12/15;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendkont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2015;
- Emendi proposti fil-*Bye-Laws* KLBL 37/2/2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Żvilupp fiż-żona tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal *planning control application* PC 0042/15 fejn intalab fost oħrajn li s-seba' u t-tmien sular tal-binja proposta bejn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq ir-Riħan u triq ġdida jinħareġ 'il barra sabiex ikun hemm aktar uniformita` fit-tul tal-appartamenti proposti. Minn naħa l-oħra qed jintalab ukoll li mill-ewwel sas-sitt sular 'il fuq mit-triq, il-ġdida, jiġu rtirati 'il ġewwa minn kif ġie approvat permezz ta' PC 0043/13.

4.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li tressqet applikazzjoni PA 4811/15 li tinvolvi l-istess sit imsemmi fil-minuta 4.1.2. aktar 'il fuq, sabiex jinbnew 152 appartament, 174 garaxx fuq tliet sulari, triq madwarhom u twaqqiegħ ta' bini qadim.

4.1.4. Filwaqt li l-Kunsill innota li l-MEPA ħadet in konsiderazzjoni ċerti fatturi li l-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni għalihom waqt it-tfassil tal-*policy* għal din iż-żona, qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp sabiex tieħu in konsiderazzjoni li:

i. In-numru ta' *units* involut huwa fattur li ċertament iħalli mpatt konsiderevoli fuq is-servizzi essenzjali (*public utility services*). Għaldaqstant huwa mportanti li jkun

hemm titjib tal-infrastruttura eżistenti, kemm f'dak li jirrigwarda drenaġġ, provvista tal-ilma u l-elettriku sabiex ir-residenti tal-inħawi ma jesperjenzawx tnaqqis fil-livell tas-servizzi attwali;

ii. L-ilma tax-xita li jinġabar fuq is-sit in kwistjoni mgħandux jitħalla jiġri fuq il-wiċċ tat-toroq, iżda għandu jinġabar fi spralli, bil-għan li jintefa' direttament fil-Wied tal-Miżieb billi jingħata direzzjoni lejn il-mina li taqsam Triq Lewis Wettinger;

iii. Il-generazzjoni tal-iskart hija fattur ieħor ta' tħassib li jeħtieġ jiġi trattat bil-ħolqien ta' post fejn dan jinżamm sakemm jinġabar permezz tas-servizzi pprovduti mill-Kunsill Lokali. Meta titqies il-konċentrazzjoni ta' *units* f'*area* pjuttost żgħira, mhux aċċettabbli li r-residenti jiddepożitaw l-iskart fit-triq, anke għall-perjodi qosra;

iv. Skarsezza ta' postijiet għall-ipparkjar, ikkawżata mir-residenti li ma jkollhomx garaxx, jew jekk ikollhom, hemm tendenza li ma jużawħx għall-perjodi qosra matul il-jum. Wieħed irid iqis ukoll li l-ispażju għal dan il-għan huwa diġa ristrett bid-domanda attwali, kif ukoll bin-numru ta' garaxxijiet eżistenti, fejn l-ipparkjar quddiemhom huwa ristrett awtomatikament. Ir-residenti tal-appartamenti/garaxxijiet proposti jattiraw volum sostanzjali ta' vetturi li jkompli jaggrava s-sitwazzjoni f'dak li huwa spażju għall-ipparkjar;

v. Żieda fit-traġitt ta' vetturi f'toroq li huma limitati ħafna, bħal Triq ir-Rattan, Triq ir-Riħan, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi eċċ. Minħabba din ir-raġuni, huwa mportanti li jsir titjib ta' ċerti *junctions* fiż-żona bħalma huma:

(a) Triq il-Mitħna l-Qadima/Triq l-Għorgħar/Triq Lewis Wettinger (*Bypass*);

(b) Triq it-Tgħam/Triq l-Għorgħar/Triq Ta' Masrija; u

(c) Taraġ li jgħaqqad Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Ta' Masrija.

### 4.2.1. *European Label of Governance Excellence" (ELoGE).* (K/6/7/Vol VI

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Novembru 2015 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jieħu sehem f'eżerċizzju li jwassal għall-għoti tal-*European Label of Governance Excellence" (ELoGE)* li tingħata mill-Kunsill tal-Ewropa lil dawk il-gvernijiet lokali li josservaw it-tnax-il prinċipju li fuqhom hija msejsa governanza demokratika tajba. Is-Segretarju kompla jispjega li permezz ta' din iċ-ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet lokali:

- Jsiru konxji tas-servizzi li huma tajbin fihom, kif ukoll oħrajn fejn huma dgħajfin;
- Jottjenu aktar għarfien dwar il-mod kif jeżerċitaw l-awtorita` pubblika;
- Itejbu l-kwalita` tal-governanza lokali bl-għajnuna ta' għodod żviluppati apposta; u
- Jiġu ispirati minn prattiċi tajbin ta' awtoritajiet lokali oħra.

4.2.3. Għaldaqstant ser ikun hemm numru ta' indikaturi imfassla apposta għal Malta minn esperti tal-Kunsill tal-Ewropa.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jkun espost għal dan it-tip ta' skrutinju biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu taħt diversi oqsma.

### 4.3.1. Sewqan perikoluż fi Triq Selmun (T/3/2/Vol XII)

4.3.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 46 tad-19 ta' Novembru 2015 meta ġiet trattata proposta li saret mis-Selmun Residents Association permezz ta' ittra datata 9 ta' Novembru 2015, fejn talbu tliet *speed humps* oħra apparti t-tnejn eżistenti. Permezz ta' ittra datata 7 ta' Diċembru 2015, l-istess assoċjazzjoni kienet aktar speċifika u pproponiet li jsiru *speed humps* fi Triq Selmun: (a) qabel jibda l-bini fid-daħla għal Selmun; (b) qrib il-kantuniera mat-triq li twassal għall-inħawi tal-Ħewwiexa; u qrib il-kantuniera ma' Triq l-Imġiebaħ.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-i*speed humps* eżistenti huma biżżejjed biex irażżnu l-veloċita` tal-vetturi li jidħlu Selmun. Iktar minn hekk, kienet il-fehma ġenerali tal-Kunsill li ż-żieda fin-numru tagħhom tikkawża nkonvenjenzi kemm għal minn juża t-triq, kif ukoll għar-residenti bl-istorbju li jiġi ġġenerat.

**4.4.1. Sistema ta' *one-ways* fi Triq il-Manikata (T/3/2/Vol XII)**

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' Diċembru 2015 fejn Transport Malta ġibdu l-attenzjoni għal ilment dwar il-konġestjoni tat-traffiku li qed ikun hemm fi Triq il-Manikata, bejn Triq il-Wilġa u Triq il-Knisja l-Qadima. Għaldaqstant, il-Kunsill intalab sabiex iqis mill-ġdid proposta li tinħoloq sistema ċirkulari tat-traffiku li tinvolvi Triq il-Knisja l-Qadima, Triq il-Mejjiesa, Sqaq Ħarruba u Triq il-Manikata.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li attwalment Sqaq Ħarruba ma jistax jiġi nkluż f'sistema ċirkulari tat-traffiku sakemm jiġi deċiż l-appell li sar mal-Bord ta' Reviżjoni dwar l-Ippjanar. Minbarra dan il-fattur, il-Kunsill tenna li soluzzjoni mmedjata għandha tkun it-twessiegħ ta' Triq il-Manikata u dik permanenti tkun l-kostruzzjoni ta' *bypass* fil-Manikata li għandha ssir bħala parti mill-Programm tat-*Trans-European Transport Network (TEN-T)* kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti.

**4.5.1. Konsultazzjoni pubblika (P/5/4/Vol II)**

4.5.2. Saret referenza għal imejls datati 18 ta' Diċembru 2015 mibgħuta mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn tħabbar li sal-5 ta' Frar 2016, l-istess awtorita` ser tkun qed issir konsultazzjoni pubblika dwar:

(a) l-gholi tal-bini ta' djar ghall-anzjani;
(b) linji gwida supplimentari fuq *shooting ranges*; u
(c) l-impatt ta' postijiet użati għal qima religjuża.

4.5.3. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss f'seduta oħra biex il-membri kollha jkollhom żmien biżżejjed ħalli jaraw id-dokumenti relattivi.

4.6.1. **Sewqan perikoluż fi Triq Tas-Salib (T/3/2/Vol XII)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Novembru 2015 fejn Transport Malta aċċennaw għall-proposta li kien ressaq il-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' *raised plateau,* bil-għan li jitrazzan is-sewqan b'veloċita` eċċessiva fit-triq imsemmija. F'dan il-każ, il-Kunsill intalab jissottometti pjanta li tinkwadra l-*parking bays* u s-servizzi eżistenti li hemm taħt wiċċ it-triq, kif ukoll l-immaniġġjar tal-ilma tax-xita. Transport Malta kkummentaw li din l-alternattiva tista` tikkawża problemi bl-ilma tax-xita. Għaldaqstant ipproponew li jsiru tabelli bil-limitu tal-veloċita` u sinjali *SLOW* u *roundels* mal-art.

4.6.3. Il-Kunsill reġa' ikkunsidra mill-ġdid il-proposta oriġinali tiegħu u qabel li għandu jinżamm l-i*status quo*.

**4.7.1. PA 2481/13 - Aċċessibilta` fl-Irziezet ta' Selmun (P/10/3/Vol III)**

4.7.1. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Novembru 2015, mibgħuta mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita` dwar l-użu tal-bini msemmi bħala *interpretation centre* tal-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ. Dwar il-proposta biex il-binja ewlenija biss issir aċċessibbli, il-Kummissjoni dehrilha li lanqas din ma hija raġġjonevoli, bħal fil-każ ta' applikazzjoni PA 3469/13.

4.7.2. Filwaqt li l-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, is-Sindku qal li jeħtieġ jiġi verifikat mal-perit tal-Kunsill, jekk kienx issottometta pjanti riveduti.

**4.8.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)**

4.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 18.1. u staqsiet dwar jekk sarx kuntatt mal-Mellieħa Scout Group rigward iż-żamma ta' qtates li jiġu trattati. Is-Sindku J. Buttigieg wieġeb fil-pożittiv u qal li t-talba kienet ser tiġi diskussa mill-grupp qabel tingħata tweġiba definittiva.

4.8.3. Is-Sinjura Stellini għarrfet ukoll li fil-5 ta' Diċembru 2015 hija attendiet seminar li kien organizzat mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali. Is-Sur Manuel Buhagiar, id-direttur tal-istess Dipartiment, għarraf li għandu programm li permezz tiegħu ser ikunu qed iduru l-irħula kollha bil-għan li jsewwu qtates li jkunu jiġġerrew fit-toroq. Il-Kunsill ser jiġi kkuntattjat qabel dan l-eżerċizzju jsir fil-Mellieħa. Is-Sur Buhagiar talab lill-Kunsill jgħin biex il-pubbliku jkun aktar infurmat b'din l-inizjattiva, billi jitqassmu fuljetti dwarha mill-uffiċċju tal-Kunsill.

4.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.9.1. Koperazzjoni mal-Muniċipalita` ta' Stara Pazova fis-Serbja (K/1/5/5)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 13 ta' Novembru 2015 mibgħuta mis-Sur Djordje Radinovic li huwa l-President tal-Muniċipalita` msemmija li jixtieq li jkun hemm koperazzjoni ma' Kunsilli Lokali Maltin fl-oqsma tal-ekonomija, it-turiżmu, il-gastronomija, l-edukazzjoni u l-isports.

4.9.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li saret laqgħa fuq l-istess suġġett mas-Sur Boban Javanovic li huwa l-Ambaxxatur tal-Akkademja Internazzjonali għall-Kultura u l-Arti tar-Repubblika tas-Serbja. Huwa kien akkumpanjat minn Lady Ana Caruana li taħdem mal-istess akkademja. Fl-istess laqgħa saret stedina sabiex rappreżentant mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jipparteċipa f'konferenza li ser tiġi organizzata fi Stara Pazova bejn l-10 u l-15 ta' Marzu 2016. L-akkomodazzjoni tkopriha l-istess munċipalita`, filwaqt li t-titjiriet jitħallsu mill-Kunsill.

4.9.4. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Diċembru 2015.

5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ddikjara li ser jastjeni mid-diskussjoni fuq *item* 58, peress li għandu parentela mal-fornitur.

5.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jsiru mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-1 u l-24 ta' Diċembru 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-skeda. L-approvazzjoni tal-pagamenti bir-referenza 075-12-15, 076-12-15, 077-12-15 u 078-12-15 ġiet posposta sakemm tiġi diskussa l-mozzjoni fil-minuta 10.1 aktar 'l isfel.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti fil-preżenza tal-konsulenti legali, li minn naħa tagħhom għaddew it-test rivedut skont il-proposti approvati. Kopja tat-test ġiet mgħoddija lill-membri kollha qabel is-seduta.

7.3. Is-Sindku kkummenta li bil-possibilta` li l-Bajja tal-Mixquqa tidħol fil-kategorija tal-*Blue Flag,* jeħtieġ li jkun hemm konsistenza ma' dak li qed jiġri fl-Għadira, fejn il-*barbecues* huma pprojbiti fil-partijiet fejn hemm ir-ramel. Is-Sur J. Buttigieg qal li kemm-il darba r-Ramla tal-Mixquqa tiġi trattata bl-istess mod, il-pubbliku tkun qed titneħħielu bajja oħra fejn jirrikreja ruħu. Għaldaqstant huwa rrakkomanda li l-*barbecues* għandhom jitħallew f'kull parti fiż-żewġ bajjiet sakemm ma jsirx użu mill-faħam.

7.4. Wara li l-Kunsill ra it-test mgħoddi, kien hemm qbil li għandu jitħassru l-kliem "*…, jew jorganizza xi tisjir fil-miftuħ, ….*" mir-regolament 3.1, filwaqt li jidħol regolament ieħor, forsi 3.1.A, li jgħid illi tisjir fil-beraħ jista' isir fil-bajjiet indikati fi skeda ġdida, li tkun tinkludi l-bajjiet segwenti:

- Bajja tal-Mixquqa;
- Bajja tal-Għadira;
- Bajja tal-Armier;
- Bajja tal-Armier iż-Żgħir;
- Ramla tat-Torri l-Abjad; u
- Bajja tal-Mistra

7.5. Kien hemm diskussjoni wkoll dwar jekk *barbecues* żgħar, ta' ftit persuni, li mhux neċessarjament ikunu ppjanati minn qabel, għandhomx isiru bil-permess tal-Kunsill. Dan minħabba li:

- Il-volum ta' xogħol amministrattiv li jinvolvu; u
- L-inkonvenjent li jinħoloq meta numru żgħir ta' persuni jiddieċiedu li jorganizzaw *barbecue* (eż. fi tmiem-il ġimgħa), meta l-uffiċċju tal-Kunsill ikun magħluq.

7.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn il-fatturi għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid u jekk ikun hemm il-ħtieġa anke jiġu abbozzati sett ta' *bye-laws* separati li jirregolaw l-ikkampjar/*caravans/campers* u t-tisjir fil-beraħ. Dan billi ġie osservat li jekk jibqgħu ntegrati flimkien, tinħoloq konfużżjoni u ambigwita`, kemm biex il-pubbliku jifhimhom, kif ukoll għall-impjegati tal-Kunsill biex japplikawhom. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa bejn is-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bil-għan li t-test jiġi emendat f'din id-direzzjoni.

## 8.1. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

8.2. Is-Segretarju staqsa dwar jekk hemmx nomini għal xi persuna biex tagħmilha ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ minflok is-Sinjorina Erica Galea.

8.3. Is-Sindku ppropona li tintbagħat ittra liż-żgħażagħ kollha li jidhru fuq ir-Reġistru Elettorali tal-lokalita` fl-etajiet bejn 16 u 18-il sena, sabiex jiġu nkoraġġiti jipparteċipaw fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Kemm-il darba jintlaħaq dan il-għan, il-persuna li tingħata l-kariga ta' Sindku, għandha taqdi wkoll il-funzjoni ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ u tattendi għas-seduta tal-Kunsill elett mir-residenti.

8.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta tas-Sindku.

## 9.1. Kawża dwar Triq Toni Pace (T/4/13/Vol XII)

9.2. Saret referenza għal imejl datat 10 ta' Diċembru 2015, mibgħut mill-avukat tal-atturi Gouder, li rreferew għall-aħħar smiegħ illi kien hemm quddiem l-Imħallef l-Onor. Silvio Meli, fejn sar appell da parti tiegħu biex il-partijiet jippruvaw jaslu għal xi forma ta' ftehim bonarju. F'isem is-Sinjuri Gouder, l-Avukat Abigail Critien talbet li tiġi ffissata laqgħa bejn il-partijiet bil-għan li jaslu għal ftehim bonarju.

9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir laqgħa ta' konċiljazzjoni mal-atturi. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-avukat tal-Kunsill fuq din il-kawża għandu jinforma lill-atturi sabiex jiġi ffissat appuntament ħalli ssir laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill; u***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2015 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Jonathan Micallef, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2015, kif jirriżulta mill-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti;***

***Billi jirriżulta wkoll li l-uffiċjal fis-Servizz Ċivili – Stephen Borg – impjegat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa matul is-sena 2015 irrenda servizz fuq il-livelli tal-impjegati l-oħra msemmija, skont ma' jirriżulta mill-Performance Appraisal Report tiegħu;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2015, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar. Jirriżolvi wkoll li l-impjegat Jonathan Micallef jingħata l-perċentwali msemmi 'pro rata,' billi spiċċa mill-kariga fit-3 ta' Novembru 2015.".*** **(Wages)**

10.2. Il-Kunsill approva l-mozzjoni, kif ukoll il-pagamenti relatati magħha fl-iskeda tal-pagamenti bir-referenza 075-12-15, 076-12-15, 077-12-15 u 078-12-15, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 11.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2015 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta preċedenti. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Lulju u Settembru 2015 kien inqas mill-estimi b'€14,230. Minn naħa l-oħra l-infieq kien inqas mill-estimi b'€93,404. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq, kif ukoll il-fondi diġa kommessi bejn Lulju u Settembru, kien jifdal bilanċ pożittiv ta' €44,820. Meta jitqabblu l-istess fatturi fuq l-ewwel disa' xhur tas-sena finanzjarja, jirriżulta bilanċ pożittiv ta' €174,995.

11.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li b'bilanċ daqshekk pożittiv kien jimmerita aġġustament fl-estimi sabiex jagħmel tajjeb għall-kontinġenzi li inqalgħu, bħal fil-każ tal-Batterija ta' Westreme, mingħajr ma jiġu affettwati attivitajiet oħra.

11.4. Is-Segretarju wieġeb li fis-seduti Nru. 35 tat-13 ta' April 2015 kien sar aġġustament tal-Estimi 2016 sabiex setgħu jitwettqu r-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin, kif ukoll fiż-żona tas-Sellum. Magħhom kien hemm l-iskemi ta' dwal ġodda fi Triq Għajn Żejtuna (isfel), ix-Xatt ta' Santa Marija u Triq il-Qasab. Ġara li dawn ix-xogħlijiet waqqgħu lura peress li l-kuntrattur konċernat kien impenjat fuq ix-xogħol ta' Triq il-Kosta mwettaq minn Transport Malta u sussegwentement bit-tħejjijiet li kien qed jagħmel il-Gvern Ċentrali b'rabta maċ-CHOGM. Kompla jfakkar li fis-Seduta 45 tal-10 ta' Novembru 2015 sar aġġustament ieħor, wara l-ħsara li ġarbet il-Batterija ta' Westreme meta kien maħsub li l-Kunsill kien ser jagħmel tajjeb għaliha mill-fondi ordinarji tiegħu. F'dan il-każ kien ġie deċiż li l-fondi meħtieġa għandhom jitnaqqsu mill-vot tal-Attivitajiet Kulturali, speċifikament mill-allokazzjoni ta' Milied Mellieħi.

11.5. Is-Sindku rrimarka li ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jidħol għall-ispiża kollha marbuta mar-restawr tal-Batterija ta' Westreme, u għaldaqstant għandhom jitkomplew il-kuntatti mal-MEPA bil-għan li jiġi ffinanzjat mill-*Environment Initiatives in Partnership Programme* (EIPP).

11.6. Wara aktar diskussjoni, ir-rendikont finanzjarju ġie approvat u għalhekk is-Segretarju ntalab sabiex jippubblikah fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

## 12.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)

12.2. Is-Sindku J. Buttigieg ħareġ mill-kamra fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel fis-seduta preċendenti.

12.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta ta' qabel u għarraf li fis-16 ta' Diċembru 2015 ġew intervistati l-offerenti kollha li l-valur tal-offerta tagħhom qabeż it-*threshold* tal-prekarjat, kif stabbilita mid-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Rapport dwar it-tagħrif mitlub fl-istess intervisti ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

12.4. Is-Segretarju qal li huwa kiteb lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex sabiex jiġi stabbilit jekk kienux inħarġu *default notices* lill-offerenti nvoluti fl-aħħar tliet snin. Tlieta u għoxrin wieġbu fin-negattiv, filwaqt li wieħed ikkummenta li kellu żewġ kuntratti ma' Absolute Cleaners Ltd. Dawn kienu jinvolvu ż-żamma ta' latrini pubbliċi, u ieħor dwar iż-żamma ta' ġonna pubbliċi li kienu kkaratterizzati bil-ħruġ ta' numru ta' *default notices*. Wieħed mill-kuntratti kellu jiġi tterminat. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-servizz mogħti minn Absolute Cleaners Ltd bejn Ottubru 2012 u April 2015 kien ikkaratterizzat bil-ħruġ ta' sensiela ta' default notices, iżda s-servizz tjieb b'mod sinifikanti wara Mejju 2015, tant li l-ħruġ ta' *default notices* inqatgħu għal kollox.

12.5. Il-Kunsill qabel li l-kriterji illi għandhom jiġu addottati biex iwasslu għall-għażla tal-aħjar offerta huma:

- L-istima annwali mogħtija minn kull offerent imqabbla mal-ispejjeż tal-pagi tal-*attendants* maħduma għab-bażi tal-ħinijiet mitluba fid-dokument tal-offerta;

- Spejjeż oħra, apparti l-pagi (eż.:l-użu ta' *consumables* skont il-kriterji tal-*Green Public Procurement*);

- Ħruġ ta' *default notices* mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (jekk ikun il-każ) u minn Kunsilli Lokali oħra.

12.6. Ġie spjegat li l-ispejjeż tal-*attendants* skont kif maħduma mill-Kunsill saru fuq l-assunzjoni li dawn ser jitħaddmu fuq bażi *full-time* bil-ħlas tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurta` Soċjali. Ittieħed in konsiderazzjoni li f'każ li kuntrattur jagħżel li jaħdem b'*attendants* fuq bażi *part-time,* li jkollhom impjieg *full-time* x'imkien ieħor, l-ispiża tagħhom tkun inqas.

12.7. Wara li l-Kunsill ra l-iskeda tal-offerti bir-rata annwali offruta, il-komputazzjoni tal-ispejjeż tal-*attendants*, kif ukoll il-fatturi msemmija fil-minuti 12.3 u 12.4 aktar 'il fuq, iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Antoine Fenech.

## 13.1. Pavimentar taz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

13.2. Is-Sindku għarraf li permezz ta' imejl datat 3 ta' Diċembru 2015 huwa talab l-għajnuna tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura bil-għan li jinbidel il-madum eżistenti fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali biex isir b'ieħor tal-qawwi. Huwa qal li kellu tweġiba pożittiva u dan ix-xogħol ġie nkluż fil-programm tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura għall-2017. Dan sakemm ma jibqax fondi fl-2016 u b'hekk ikun jista' jitwettaq qabel. Huwa qal li l-Perit Alex Cutajar mill-istess dipartiment għandu jiġi fuq il-post biex jitfassal *bill of quantites.*

13.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf lill-Kunsill li l-Arċipriet ġie mgħarraf b'din l-intenzjoni permezz ta' imejl datat 14 ta' Diċembru 2015 u sussegwentement ikun irid jiġi ffirmat ftehim mal-Kurja Arċiveskovili skont il-proċedura normali fejn jidħlu benefikati li jsiru fuq proprjeta` tal-Knisja.

13.4. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattiva li ttieħdet.

## 14.1. Tibdil fir-rotot tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

14.2. Is-Sindku aċċenna għat-tibdil li kien hemm fir-rotot tal-karozzi tal-linja li ser jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016. Hija l-intenzjoni tal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura li għalissa ma jkunx hemm tibdil fir-rotot l-ġodda, iżda jekk ikun hemm xi lmenti dwarhom għandha tittieħed nota tagħhom peress li f'April 2016 ser issir laqgħa mal-uffiċjali ta' Transport Malta dwar tibdil li jkun jeħtieġ isir sas-sajf 2016. Is-Sur J. Buttigieg qal li r-rotot, kif imħabbru huma kif ġej:

- Ir-rotta 102 (ċirkulari) se tispiċċa totalment.

- Ir-rotta 101 se tkun dik li tieħdok miċ-Ċirkewwa sal-Ġnejna b'din ir-rotta: Ċirkewwa, Mellieħa (Ċentru), Il-Manikata, Għajn Tuffieħa, L-Imġarr u tispiċċa l-Ġnejna. Tibda mis-7.00a.m sad-9.00pm kull siegħa.

- Ir-rotta 37 se tispiċċa u flokha daħlet Rotta 250: Ċirkewwa, il-Mellieħa (Ċentru) San Pawl il-Baħar, Il-Mosta, Ħal-Lija, Mater Dei u l-Universita'. Tibda mill-5.10 a.m sat-8.30pm kull siegħa.

- Rotot 41 u 42 se jibqgħu l-istess.

- Rotta 49. L-Armier, l-Għadira, Mellieħa (Ċentru), Ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, Is-Salina, Birguma, Naxxar, Ħal-Lija, B'Kara, L-Imsida, Tal-Pieta` il-Furjana, Valletta.

- X1 se tibqa' l-istess pero` tgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa. Is-servizz jibda mill-5.05 a.m. sal-22.38pm Tibda miċ-Ċirkewwa, l-Għadira, Mellieħa (Ċentru), is-Salini, Baħar ic-Ċagħaq, Pembroke, L-Universita`, Tal-Qroqq, Marsa, l-Ajruport.

- X1A. Rotta ġdida. Ċirkewwa, Mellieħa (Ċentru), San Pawl il-Baħar, Pembroke, L-Universita`, MCAST - Raħal Ġdid. Dan is-servizz se jkun matul il-gimgħa biss b'2 vjaġġi filgħodu miċ-Ċirkewwa u nhar ta' Ġimgħa 2 vjaġġi fil-għaxija ukoll.

- Rotta 221. Ċirkewwa, Mellieħa, Ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, Buġibba. Tibda 05.45 a.m sas-7.00a.m. (Kull 60 min).Mis-7.01a.m. sat-20.00pm (kull 30 min) u mit 20.01 pm sa 22.15pm (Kull 60 minuta)

- Rotta 222. Ċirkewwa, Mellieħa, Xemxija, San Pawl il-Baħar, Salini, Baħar iċ-Ċagħak, Pembroke, San Ġiljan, Tas-Sliema (Ferries). Tibda 05.45 a.m. sas-7.00a.m.(kull 60 min).Mis-7.01 a.m. sat-20.00pm(kull 30 min) u 20.01 pm sal-22.15 pm(kull 60 minuta)

- Rotta 44: Manikata Għajn Tuffieħa, L-Imġarr, Il-Mosta, Hal-Lija, B'Kara, L-Imsida, Tal-Pieta`, Il-Furjana, Valletta. Tibda 5.35 a.m. sal-22.05 pm kull 30/60 minuta.

14.3. Dwar ir-rotta 101, is-Sindku qal li skont ma ġie deċiż f'seduti preċedenti, għandha ssir talba sabiex il-karozzi tal-linja fuq din ir-rotta għandha tidħol minn Triq Lewis Wettinger/Dawret il-Mellieħa għal Triq Qasam Barrani sar-*roundabout* tad-dar tal-anzjani u terġa toħroġ 'l barra mill-istess triq.

14.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li waslilha lment rigward ir-rotta 250 – Ċirkewwa / Universita`. Hija qalet li meta din tkun ġejja miċ-Ċirkewwa qed tniżżel il-passiġġieri fejn hemm id-daħla ewlenija tal-Isptar Mater Dei, iżda fil-vjaġġ lura qed tinqabeż din il-parti, minkejja li għall-parti l-kbira tal-passiġġieri huwa iktar konvenjenti għalihom li jistennew hemmhekk.

14.5. Il-punti mqanqla fil-minuti 14.3 u 14.4 ġew innutati sabiex jitqajjmu fil-laqgħa li ser issir mal-uffiċjali ta' Transport Malta.

## 15.1. Skambji marbuta mal-ġemellaġġi (K/1/5/1/Vol III)(K/1/5/3/Vol II)( K/1/5/4/Vol II)

15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-andament tal-ġemellaġġi riċentement kien wieħed relattivament kajman u għalhekk għandu jsir sforż biex jitqajjmu mill-ġdid.

15.3. Is-Sindku wieġeb li riċentement aktar kien hemm skambji ma' lokalitajiet li ma hemmx ġemellaġġi formali magħhom, bħal Aquaviva Delle Fonti u Cugir. Huwa fakkar li l-2016 taħbat l-għoxrin anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa / Adenau u għalhekk ikun xieraq li jsiru skambji biex jitfakkar dan l-avveniment, kif kien il-każ fil-ħames u l-għaxar anniversarju.

15.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.55pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**